MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Numru. 30/2002

Il-Pulizija
(Spettur Raymond D'Anastas)
vs
Aaron Custo

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Aaron Custo, detentur tal-karta ta' l-identtia numru 504378 (M); li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'Haz-Zebbug fis-17 ta' Dicembru 2001 ghall-habta tat-tlieta kif ukoll ghall-habta tas-sitta ta' wara nofsinhar u / jew fil-gimghat ta' qabel din id-data, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jisguraw li dak ir-reat kien sar;

Ukoll talli fit-18 ta' Dicembru 2001 ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar fil-Museum ta' Haz-Zebbug

volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames liri Maltin, pero hija izjed minn hamsin lira Maltin u dan ghad-dannu ta' Raymond D'Amato fil-kapacita teighu ta' Kap tal-Museum;

Ukoll talli fid-9 ta' Jannar, 2002, ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara l-ikel bil-hsieb li jwettaq serq mill-Muzeum ta' Haz-Zebbug sitwat fi Vjal il-Helsien Haz-Zebbug wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi pprova jisgassa il-bieb ta' barra, liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu; liema serq li kieku sehh kie ikun aggravat bil-mezz valur;

Ukoll talli fid-9 ta' Jannar, 2002 gahll-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara l-ikel attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 1572 Emanuel Cilia, liema persuna hija nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti;

U fl-ahhar talli sar ricediv b'sentenza moghtija fit-23 ta' Gunju 1995 u fit-13 ta' Mejju 1999 mill-Awla 7 u Qorti tal-Appell rispettivament; liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mhassra;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba

kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-10 ta’ Novembru, 2004;

Taqta u tiddeciedi billi issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 110 (2), 96 (a), 49, 50, 41 (1) (a), 261 (b), 261 (c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 325 (b), 17, 20 u 31 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti fuq talba tad-difiza hatret lil Marianne Zammit, Ufficjal tal-Probation, sabiex tibda titkellem mal-imputat li kien jidher li kien qieghed ibaghti minn diversi problemi ta’ natura socjali.

Illi effettivament mix-xhieda ta’ l-istess Marianne Zammit irrizulta li l-imputat ibaghti minn problema tad-droga u imur d-detox fejn jiehu l-methadone. Izda irrizulta wkoll illi huwa kellu bzonn ta’ kura psikjatrika; liema kura huwa ma kienx qieghed jehodha fi zmien meta tressaq il-Qorti. Aktar tard l-istess Marianne Zammit infurmat lill-Qorti illi l-imputat kien kellem lil Dr David Cassar, psikjatra l-isptar San Luqa illi kien ordnalu xi treatment u minn mindu l-imputat beda jiehu dan it-treatment hija rat meljorament fil-komportament ta’ l-istess imputat. Marianne Zammit tat ordni lill-imputat sabiex ma johrogx wahdu u ma jibqax izomm il-kumpannija li kellu qabel. Huwa fil-fatt obda l-ordnijiet kollha li hija taghtu. Dana skond ma xehdet l-istess Marianne Zammit.

Illi xehed ukoll f’dawn il-proceduri l-psikjatra Dr David Cassar illi qal illi jara lill-imputat bhala pazjent fl-Out Patient department fl-isptar San Luqa. Huwa xehed illi l-imputat ghandu IQ relattivament baxxa. Huwa bniedem emozzjonali u ghandu “an emotionally unstable personality disorder”. Dr Cassar xehed illi l-imputat kellu wkoll il-problema tal-abbuz tad-droga u xehed illi kemm ilu jiehu l-kura l-imputat huwa ferm aktar stabbli milli kien qabel. Fil-fatt huwa ippreskriva l-kura lill-imputat u l-imputat qieghed jiehu l-kura regolarment. Dr Cassar xehed ukoll illi l-imputat ma jidhirx li ghadu jabbuza mid-

droga u naqqas ukoll l-ammont ta' methadone illi jiehu mid-detox centre.

Illi rega' xehed f'dawn il-proceduri Dr David Cassar u qal illi kien sodisfatt bl-imgieba tal-imputat illi dejjem izomm l-appuntament mieghu regolarment. Dr Cassar xehed ukoll illi l-imputat iktar ghandu kuntatt regolari mad-detox centre u l-feedback li huwa jircievi minghand id-detox centre dwar l-imputat huwa posittiv. Illi skond l-espert Dr David Cassar l-imgieba tal-imputat marret hafna 'il quddiem u huwa ra bidla kbira fih. Dr Cassar xehed illi l-imputat qieghed jaghmel sforzi kbar sabiex jikkontrolla kemm l-imgieba tieghu, kif ukoll il-problema illi ghandu. Ta' dan kollu huwa dejjem sab l-ghajnuna tal-familja tieghu.

Illi fl-ahhar seduta regghet xehdet Marianne Zammit u infurmat lill-Qorti illi l-imputat huwa stabbili, jattendi ghand il-psikjatra u jinsab taht il-kura ukoll id-detox centre u li l-livell tal-methadone illi jiehu l-imputat dejjem niezel. Miss Zammit xehdet illi hija tara lill-imputat kull gimgha, gieli anke darbtejn fil-gimgha u li minn meta tressaq il-Qorti l-imputat ghamel progress konsiderevoli anke fl-imgieba tieghu u dana peress illi qabel ma kellux kontroll fuqu innifsu, izda illum dan ma ghandux il-kaz. Miss Zammit xehdet illi huwa importanti ferm illi l-imputat jibqa taht supervizjoni.

Ikkunsidrat :

Illi fid-dawl tal-fatt illi l-imputat ibaghti minn problema ta' natura psikologika il-Qorti tara illi ma jkunx ta' beneficcju kemm ghalih, u lanqas ghas-socjeta' in generali, jekk huwa jigi karcerat, u ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat l-Artikoli 21 u 28 A tal-Kap. 9, qeghda tikkundanna lill-imputat, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta' sentejn illi ma ghandhiex tibda issehh sa kemm fi zmien erba' snin mil-lum l-imputat ma jikkommettix reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 G tal-Kap 9 u qeghda taghmel ordni ta’ supervizjoni li permezz taghha qeghda tqieghed lill-hati taht is-supervizjoni ta’ Ufficjal Sorveljanti illi ghandu jigi mahtur mid-Direttur responsabbli ghas-servizzi tal-probation u dana ghall-perjodu ta’ erba’ snin mil-lum. Il-Qorti tirrakkomanda li matul dan il-perjodu l-imputat ghandu jigi wkoll segwit minn tabib psikjatra skond kif jordnalu l-ufficjal tal-probation.

Il-Qorti qeghda tordna illi kopja ta’ din l-ordni tigi notifikata minnufih lid-Direttur Responsabbli ghas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilitajiet tieghu skond il-Ligi dwar l-imgieba tieghu matul il-perjodu illi huwa gie imqieghed taht din l-ordni ta’ supervizjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------